A.L. 359 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in European Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in European Studies u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in European Studies - ippubblikati bħala Avviż Legali 54 ta' l-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw minn Ottubru 2004 'il quddiem.

Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Kull taqsima studju għandha tkun evalwata permezz ta' xogħol matul il-kors u permezz ta' eżami li jsir fit-tmiem tas-semestru rilevanti. L-istudenti huma meħtieġa jgħaddu mix-xogħol matul il-kors u mill-eżami."

Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Id-dissertazzjoni għandha tkun twila bejn il-15,000 u l-20,000 kelma fit-tul dwar suġġett propost mill-istudent u approvat mill-Bord. Għandha tipprovdi evidenza ta' riċerka indipendenti u għandha tikkostitwixxi kontribut oriġinali għas-suġġett."